

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni negattiva impliċita tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Awwissu 2017, li tirriżulta min-nuqqas tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, milli twieġeb fit-terminu previst għall-applikazzjoni konfermatorja tar-rikorreni għal aċċess għal dokumenti tal-10 ta' Lulju 2017 fir-rigward tal-applikazzjoni għal aċċess għal dokumenti rreġistrata fit-2 ta' Mejju 2017 bin-numru 2017/2592, sa fejn tikkonċerna informazzjoni prodotta jew skambjata fil-kuntest ta' sejħa għal applikazzjonijiet għal sistemi pan-Ewropej li jipprovdu servizzi ċellulari bis-satellita;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: il-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha skont l-Artikolu 296(2) TFUE.
2. It-tieni motiv: il-Kummissjoni naqset milli twettaq eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba.

Rikors ippreżentat fil-3 ta' Novembru 2017 – STIF-IDF vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-738/17)

(2018/C 022/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorreni: Syndicat Transport Île-de-France (STIF-IDF) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: B. Le Bret u C. Rydzynski, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata sa fejn, fl-Artikolu 3, hija tikklassifika "il-kontribuzzjonijiet C2 mogħtija minn STIF fil-kuntest ta' CT2" bħala "skema ta' għajjnuna implementata illegalment" iżda kompatibbli mas-suq intern;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE li bih hija vvizzjata d-deċiżjoni kkontestata inkwistjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1470 tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-iskemi ta' għajjnuna SA.26763 2014/C (eks 2012/NN) implimentata minn Franza favur tal-impriżi ta' trasport bix-xarabank fir-Reġjun ta' Île-de-France (ĠU 2017, L 209, p. 24). Tali ksur ġie allegatament kommess mill-Kummissjoni sa fejn din ikklassifikat il-kontribut C2 ta' CT2 bħala għajjnuna mill-Istat, peress li qieset li l-miżura kienet tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarji tagħha.

Ir-rikorreni tqis, barra minn hekk, li l-Kummissjoni, fl-analiżi tagħha, wettqet diversi żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li r-raba' kriterju tal-ġurisprudenza Altmark ma kienx issodisfatt fil-każ inkwistjoni.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dwar in-nuqqas ta' osservanza tar-raba' kriterju tal-ġurisprudenza Altmark u fuq l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2017 – TrekStor vs EUIPO – Beats Electronics (i.Beat)

(Kawża T-748/17)

(2018/C 022/66)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Beats Electronics LLC (Culver City, California, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "i.Beat" – Trade mark tal-Unjoni Nru 5 009 139

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Settembru 2017 fil-Każijiet magħquda R 2175/2016-4 u R 2213/2016-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-konvenut bid-data tad-29 ta' Settembru 2016, u għalhekk tilqa' l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni u tirrevoka d-drittijiet tal-applikant fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 005009139;
- tiċħad l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni;
- tordna lill-applikant għal kanċellazzjoni u lill-EUIPO jbatu l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż neċessarji sostnuti mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament 2017/1001.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2017 – TrekStor v EUIPO – Beats Electronics (i.Beat jess)

(Kawża T-749/17)

(2018/C 022/67)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, Hong Kong) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, lawyers)